**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 133 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Stefan Muscat**

Illum, 20 ta' Ottubru 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Stefan Muscat ta' 19-il sena, iben Mark u Rosalyn xebba Grech, imwieled Pieta' nhar l-10 ta' April 2001 u residenti Binja Hamrija, Flat 3, Triq il-Hamrija, Naxxar jew My dream, 141, Daffodil Appartments, Triq it-Turisti, Qawra u detentur tal-karta tal-identita numru 144001 L, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Nhar is-27 ta' Lulju, 2020 u fil-jiem ta' qabel gewwa l-isptar Mater Dei, l-Imsida u f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Naqas milli jhares xi wahda, w/jew aktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D b'digriet datat 9 ta' Gunju, 2020, u li permezz tieghu l-istess Stefan Muscat kien inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet;

2. Minghajr skuza ragonevoli kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu b'ordni taht l-artikolu Kap 9 Art. 412 C (11).

Rat li l-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-minorenni LC u ommha ATA billi jigu applikati l-provvedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Rat li l-Qorti giet ukoll gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, jigu applikati l-provedimenti tal-Artikoli 382A u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li finalment il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' htija, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 09 ta' Gunju 2020 u tordna l-arrest mill-gdid ta' Stefan Muscat.

Rat l-atti kollha tal-kawza flimkien mad-dokumenti kollha esebiti.

Semghet ix-xhiedha in ezami u in kontroezami ta' Dr. Eunice Grech Fiorini (bhala Direttur u Registratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali), WPC 337 Eunice Duncan, Rebecca Bajada, Anthony Bonnici, Martha Cutajar Penza, Jacqueline Zammit, l-minorreni LC (li xehdet permezz tal-*video conferencing*) u ommha ATA.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz jittratta ksur ta' kundizzjonijiet imposti fuq l-imputat b'digriet ta' din il-Qorti (presjeduta mill-Onor. Magistrat Dr. Audrey Demicoli) moghti fid-9 ta' Gunju 2020 permezz ta' liema digriet il-Qorti kienet akkordat il-beneficcju tal-helsien mill-arrest lill-istess imputat. Ghal dan huwa ghamel tajjeb billi ddepozita fir-Registru s-somma ta' elf euro (€1,000) oltre garanzija personali ta' sitt elef euro (€5,000).

Illi dan il-kaz jitratta ukoll ksur ta' kundizzjoni imposta fuq l-imputat b'Ordni ta' Protezzjoni ta' din il-Qorti (presjeduta mill-Onor. Magistrat Dr. Audrey Demicoli) mahruga ai termini tal-Art. 412 C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fid-9 ta' Gunju, 2020, permezz ta' liema Ordni l-imputat kien gie *inter alia* pprojbit milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-minorreni LC u ta' ommha ATA u milli jikkuntattjahom.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta' Lulju, 2020, fejn il-Qorti wara wara li rat l-artikoli rilevanti tal-ligi (Kap. 9 – Art. 17, Art. 21, Art. 412 C (11), Art. 579 (2) u Art. 579 (3) tal-Ligijiet ta' Malta) sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u:

• immultatu multa ta' erbghin euro (€40),

• ordnat li l-ammont stabbilit fid-digriet tal-helsien mill-arrest taht garanzija moghtija minn din il-Qorti diversement presjeduta tad-9 ta' Gunju, 2020, (Magistrat Audrey Demicoli LL.D) - total ta' sitt elef euro (€6,000) – jigi kkonfiskat favur il-Gvern ta' Malta,

• irrevokat l-helsien mill-arrest tal-imputat moghti taht id-digriet msemmi u ordnat li l-imputat jigi arrestat mill-gdid.

Rat ir-rikors tal-appellanti Stefan Muscat minnhu pprezentat fil-11 t' Awwissu, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex joghgobha:

1. Tirrevoka u thassar is-sentenza appellata fl-ismijiet premessi fejn sabet lill-appellant hati tal- imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-appellant u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena skond il-ligi;

2. ALTERNATIVAMENT, minghajr pregudizzju f'kaz li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax it-talba precedenti, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-parti tal-htija u thassar il-piena nflitta, u minflok tigi mposta piena aktar ekwa u idoneja ghac-cirkostanzi tal-appellant;

U dan kif jidrilha xieraq u opportun din l-Onorabbli Qorti.

Rat illi l-esponenti hass ruhu aggravat bis-sentenza moghtija fil-konfront tieghu, u b' hekk qieghed jinterponi dana l-umli appell quddiem dina l-Onorabbli Qorti.

Illi l-aggravji tal-appellant huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. Illi l-appellant bir-rispett jissottometti li huwa ma kellux l-intenzjoni illi jisfida lill-Qorti u jikser il-kundizzjoni minnha imposta. L-appellant umilment jirrileva li mill-fatti kif jirrizultaw u l-provi prodotti jidher car illi l-intenzjoni tieghu kienet biss li jkun prezenti waqt it-twelid ta' bintu, okkazjoni unika fil-hajja ta' kull individwu li jghix u jesperjenza.

   Illi ghalhekk f'dan il- kas ma jistax jigi ritenut li **l-imputat kellux l- *mens r*ea ta' tali ksur** u ghaldaqstant ir-ripekussjonijiet ta' din is-sentenza ser ikunu ta' detriment ikbar fuqu, fuq *OMISSIS*, fuq il-koppja flimkien u l-wild tarbija taghhom li ghada tibda d-dinja milli fuq is-socjeta' li l-istess ligi tishaq biex tipprotegi;

   Illi l-appellant jirrileva li l-ghan tal-legislatur u tal-Onorabbli Qorti li imponit il-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest u l-ordni ta' protezzjoni intlahaq u l-intenzjoni tal-appellant zgur ma kienitx li jwettaq xi reat, izda biss sabiex ikun prezenti waqt it-twelid ta' bintu, avveniment li jgib mieghu ferh u entuzjazmu kbir.

   Illi l-appellant hawnhekk ser jaghmel referenza ghas-sentenza ricenti fejn ic-cirkustanzi tal-kaz huma veru simili ghal dak tal-kaz odjern, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il- 5 ta' Lulju 2020 'Il-Pulizija vs Joseph Bajada' preseduta mill-Onor Magistrat Dr. Brigitte Sultana LL.D fejn l-imputat ma instabx hati li kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest u gie liberat minn kull piena u htija.

2. Illi sussegwentment u minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat illi normalment reati simili ghal dak odjern jitressqu taht l-Artikolu 579 et seq tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u sabiex b'hekk il-Qorti kif tkun preseduta ma jkolliex idejha marbutin u tkun tista` timponi hi piena kif jidirlha ekwa u opportuna fic-cirkostanzi. L-appellant hawnhekk ser jaghmel referenza ghad-

Digriet moghti mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz 'Il-Pulizija vs Fredrick Dalli' nhar 10 ta' Gunju, 2020 preseduta mill-Onor. Imhallef Dr. Aaron M. Bugeja u nikkwota:

> *"Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 579(1) tal-Kodici Kriminali issib lil Fredrick Dalli li kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest izda fil-kuntest tal-provi mressqa quddiemha tqis li dan il-ksur jaf fih proviso tal-istess artikolu fis-sens li l-ksur ta' din il-kundizzjoni f'dan il-kaz ma kienetx ta' konsegwenza serja.*
>
> *Ghaldaqstant ghal din id-darba l-Qorti mhux qedgha tapplika s-sansjoni msemmija fl-Artikolu 579(1) tal-Kodici Kriminali."*

Illi ghall-kuntrarju fil-kaz odjern minkejja li l-prosekuzzjoni **ma' ndikatx l-artikolu tal-ligi li tahtu kienet qed tintavola l-akkuza tal-ksur tal-kundizzjonijiet tad-digriet tal-helsien mill-arrest** madanakollu l-Ewwel Qorti hasset li d-dicitura tal-akkuza u t-talbiet tal-prosekuzzjoni indikaw li l-appellant tressaq taht l-Artikolu 579 (2) marbut ma' Artikolu 579 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta ' Malta, u ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet kostretta, jew tilliberah minn kull piena u htija jew altrimenti f'kaz ta' htija tikkundanna lill-appellant jew ghal multa jew ghal prigunerija, jew inkella kemm ghal multa u ghal prigunerija flimkien filwaqt li tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-helsien mill-arrest in kwistjoni, tordna l-konfiska favur l-Gvern ta' Malta l-ammmont globali ta' €6,000 u tordna l-arrest mill-gdid tal- appellant. Illi ghalehkk meta wiehed jiehu kont tac-cikustanzi partikolari hafna ta' dan il-kaz u riperkussjonijiet ta' din is-sentenza, huwa fl-opinjoni umli tal-appellant, piena harxa u ingusta.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-appellant bir-rispett jissottonetti li l-iskop primarju u principali tal-bail huwa essenzjalment wiehed; illi l-persuna tidher ghal-kull att tal-procediment. Sal-mument tas-sentenza huwa ghadu prezunt innocenti minkejja l-akkuzi illi jkunu saru kontra tieghu. Mela l-

garanzija illi trid tinghata u anke l-kundizzjonijiet huwa biex proceduralment ma jkunx hemm hsara ghall-process kriminali illi jkun gust pero` fl-istess waqt, ma jipprivax il-persuna preventivament mill-liberta` tieghu.

Illi l-appellant bir-rispett jirileva li l-ksur li huwa wettaq ma huwiex wiehed ta' natura serja stante li ma huwiex konness ma raguni primarja li jinghata l-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest izda l-ksur huwa ta' kundizzjoni ancillari ghall-helsien mill-arrest.

Ghal din ir-raguni, l-appellant se jkun qed jirreferi ghal numru ta' decizjonijiet tal-Qorti, kemm dak nostrana u kif ukoll Ewropeja li ttrattaw cirkostanzi simili ghal dawk tal-kaz tieghu fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest.

Fil-kawza "Il-pulzija vs Tony Armadno Zahra"[1], l-Qorti tal-Appell Krmininali ikkumentat fuq ksur ta' kundizzjoni tal-helsien mill-arrest u nikkwota:

Skond l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad- Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, il-helsien waqt pendenza tal-proceduri "jista' jkun taht kundizzjoni ta' garanziji biex jidher ghall-proceduri". Il-kundizzjoni msemmija hija kundizzjoni valida sabiex ikun hemm il-kontroll mehtieg biex jigi assigurat li l-appellant jidher ghall-proceduri peress illi tali mizura tnaqqas il-possibilita` li persuna imputata tallontana ruhha mill-pajjiz jew anke tinheba. Issir referenza wkoll ghal dak li jghidu Harris, O'Boyle u Warbrick fil-ktieb taghhom "Law of the European Convention on Human Rights":

> "'Article 5(3) can be read as meaning that the only conditions that can be attached to release pending trial are those relating to appearance at trial. However, it would be unsatisfactory if Article 5(3) did not allow any considerations other than appearance at trial to be taken into

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Frar 2017 preseduta mill- Onor. Imhallef Dr David Scicluna

account when allowing bail. Such an approach might work to a person's disadvantage in that it might prevent his release altogether if, for example, a condition as to the suppression of evidence or the prevention of crime were not permissible.'

Ghalhekk, l-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali jirreferi ghall-ksur ta' kwalunkwe mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti; u mhux semplicement restritt ghall-kundizzjoni li tobbliga lill-persuna bil-beneficju tal-helsien mill-arrest biex jidher fil-Qorti matul il-proceduri kull meta tintalab mill-Qorti kompetenti.

Illi l-Qorti tal-Appell fl-Ingilterra u f'Wales zviluppat duttrina ta' ri-ezami tal-piena meta tqis li l-piena moghtija mill-Qorti tal-Prim' Istanza hija manifestament eccessiva. Din il-procedura ma ggibx varjazzjoni ta' pieni semplicement minhabba li jidhru li huma fuq in-naha severa tal-ispettru legali. Din id-duttrina ssostni li l-Qorti tal-Appell tista' tiddeciedi f'appell ibbazat fuq piena jekk l-appellant juri li s-sentenza kienet barra l-parametri legali tal-piena applikabbli fir-rigward ta':

(a) ir-reat inkwistjoni jew
(b) fir-rigward tac-cirkostanzi tal-hati

u mhux semplicement minhabba li l-piena kienet tkun iktar severa minn dik li l-Qorti tal-Appell kienet issodisfat f'dawk ic-cirkustanzi kieku kienet moghnija bil-poter li tikkonstata din il-piena.

Dawn il-principji kienu wkoll mhaddna mill-Qorti nostrana tal-Appell Kriminali fil-Gurisdizzjoni Superjuri taghha fil-kaz 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et' deciza fis-26 ta' Frar 2009 fejn hija ddecidiet kif gej:

*Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena*

*ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.*

Fic-cirkustanzi partikolari ta 'dan il-kaz kif deskritt hawn fuq, l-appellant jirrileva li minkejja li l-piena li nghatat tidhol taqa' b'mod gust u kwadru fil-parametri legali, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Magistrati ma ddecidietx bizzejjed fl-analizi tan-natura tal-ksur imwettaq minnu, u ghalhekk tac-cirkustanzi tieghu fil-kaz specifiku. Appellant jirrileva li dina l-Onorabbli Qorti ghandha tqis in-natura tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest u s-serjetà oggettiva taghhom. Ghalhekk l-appellant jenfazizza li l-ksur li wettaq, filwaqt li jibqa' ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, ma jistax jitqies li jifforma parti mill-kundizzjonijiet ewlenin tal-helsien mill-arrest.

Illi bhala konsegwenza tal-ksur ta' din il-kundizzjoni tal-helsien mill-arrest apparti l-multa ta' erbghin euro (€40), il-Qorti tal-Magistrati ordnat ukoll it-telf tal-garanzija favur il-Gvern ta' Malta tal-helsien mill-arrest taht garanzija tal-akkuzat ghal ammont globali ta' sitt elf ewro (€ 6,000). Kif digà semmejt hawn fuq, dan it-telf huwa mandatarju; u fic-cirkostanzi kastig pjuttost oneruz fih innifsu. Barra minn hekk, l-ewwel Qorti rrevokat il-helsien mill-arrest tal-appellant u ordnat l-appellant jerga' jigi re-arrestat. Ghaldaqstant, in vista ta' dak suespost l-appellant bir-rispett jirrileva sforz il-qadgha finanzjarja tieghu zghazugh ta' 19-il sena li ghadu kemm jibda jahdem, is-sentenza kif imposta minkejja li ma fijiex l-impozizzjoni ta' piena ta' habs effetiva fir-realta` habs ser tkun iffiser ghall-appellant, u ghalhekk b'referenza ghac-cirkostanzi tal-appellant hija sproporzjonata u hazina fil-principju.

Illi ghalhekk in vista ta’ dak susespost, jekk kellha tinstab htija fil-konfront tal-appellant, il-piena erogata fil-konfront tieghu kellha tkun aktar ekwa u gusta.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u jirrimettu ruhhom ghal gudizzju tal-Qorti

Ikkunsidrat,

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi fid- 9 ta' Gunju 2020 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) imponiet fuq l-imputat Ordni ta' Protezzjoni favur *Omissis* u *Omissis*;
2. Illi fl-istess seduta, il-Qorti tat il-helsien mill-arrest lill-imputat taht numru ta' kundizzjonijiet;
3. Illi jirrizulta li fl- 24 ta' Lulju, 2020 *Omissis* dahlet l-Isptar Mater Dei biex twelled it-tarbija;
4. Peress li *Omissis* hija minorenni, ommha iffirmat li hi kienet ser tassisti lil bintha fil-hlas u mhux is-sieheb ta' bintha u cioe' l-imputat;
5. Jirrizulta li wara li weldet it-tarbija, l-imputat akkumpanja lil *Omissis* l-Isptar fejn baqa hemmhekk ghal jiem shah ghajr bejn is-sebgha (7:00am) u l-ghaxra (10:00am) ta' filghodu fejn ma setghax jibqa' fil-ward bhala regola tal-ward;
6. Illi ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant.

Illi permezz tal-ewwel aggravju l-appellant jissottometti li huwa ma kellux l-intenzjoni li jisfida lil Qorti u jikser il-kundizzjonijiet minnha imposta. Li l-intenzjoni tieghu kienet biss li jkun prezenti waqt it-twelid ta' bintu, okkazjoni unika fil-hajja ta' kull individwu li jghix u jesperjenza. Jissottometti li ma jistax jigi ritenut li l-imputat kellu l-mens rea ta' tali ksur u li ghalhekk ir-riperkussjonijiet ta' din is-sentenza ser ikunu ta' detriment ikbar fuqu, fuq *Omissis*, fuq il-koppja flimkien u l-wild tarbija taghhom. Li l-intenzjoni tal-appellant zgur ma kinitx li jwettaq xi reat, izda biss sabiex ikun prezenti waqt it-twelid ta' bintu.

Mill-atti jirrizulta li fid- 9 ta' Gunju 2020 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet tat il-helsien mill-arrest lill-appellant taht certu kundizzjonijiet fosthom li ma jitkellimx jew javvicina la direttament u anqas indirettament lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja. Dan il-helsien mill-arrest kien suggett ghal depozitu fir-Registru tal-Qorti tas-somma ta' elf ewro (€1,000) u garanzija personali ta' hamest'elef ewro (€5000). Vera kopja ta' dan id-digriet jinsab a fol 17 immarkat bhala Dok. F.

In oltre' fl-istess jum il-Qorti ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni kontra l-appellant u dan fejn ipprojbitu jew irristringitu milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' *Omissis* u *Omissis* kif ukoll ipprojbixxiet u irrestringiet l-access mill-akkuzat ghal perjodu ta' mhux izjed minn sitt (6) xhur jew sas-sentenza finali gewwa l-fond fejn jirrisjedu, jahdmu jew jiffrekwentaw *Omissis* u *Omissis*. L-akkuzat gie projbit milli jikkuntatja jew jimmolesta lil *Omissis* u *Omissis*. Din l-Ordni ta' Protezzjoni kellha tibqa' fis-sehh sas-sentenza finali. In oltre' din l-Ordni tiprovdi li jekk minghajr raguni valida l-akkuzat jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu jista' jekk jinstab hati jehel multa ta' sebat' elef ewro (€7000) jew prigunerija ta' mhux izjed minn sentejn (2) jew it-tnejn li huma. Vera kopja ta' din l-Ordni tinsab a fol 15 u mmarkata bhala Dok D.

F'dan ir-rigward fis-seduta tad- 29 ta' Lulju 2020 l-Ufficjal Prosekutur prezentat Rapport tal-Okkorenza bhala Dok A a fol 9 et sequitur, estratt mic-certifikat tat-twelid tal-imputat bhala Dok. B a fol 13 et sequitur, fedina penali tal-imputat bhala Dok.C a fol 14 et sequitur, vera kopja ta' Ordni ta' Protezzjoni bhala Dok D a fol 15 et sequitur, kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest bhala Dok E u Dok F a fol 16 et sequitur, stqarrija tal-imputat fuq CD bhala Dok G a fol 18 u DVD kontenenti filmat mehud minn CCTV camera bhala Dok H a fol 19. F'din ic-CD hemm numru ta' filmati u ritratti.

**Dr. Eunice Grech Fiorini**[2] bhala Direttur u Registratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali f'din is-seduta xehdet li giet mitluba tipprezenta l-*protection order* kontra

[2] Fit-traskrizzjoni tax-xhieda taghha indikata bhala Eunice Fiorini

Stefan Muscat u kopja legali tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest kontra Stefan Muscat moghtija fid- 9 ta' Gunju 2020.

**WPC337 Eunice Duncan** xehdet fis-seduta tad- 29 ta' Lulju 2020 li fis-sebgha u 27 ta' Lulju gewwa l-Ghassa tal-Qawra rraportat is-Sinjura *Omissis* fejn stqarret illi hemm *protection order* ghal bintha *Omissis* minn certu Stefan Muscat li dan ma jistax jersaq lejha. Spjegat li fl- 24 ta' Lulju bejn it-tmienja (8:00) u d-disgha (9:00) ta' bil-lejl, bintha kienet qieghda gewwa Mater Dei ghaliex kienet ha twelled u x'hin waslet sabet lil Stefan li jigi missier il-wild ma' genb *Omissis*. Kien hemm midwife li staqsiet lil *Omissis* min kien ha joqghod ma genbha waqt li twelled, fejn *Omissis* stqarret li ffirmat sabiex hi toqghod u mhux Stefan. Stqarret illi *Omissis* f'xi hin cemplet lil Stefan biex tinfurmah li ha tibqa' fejn bintha u mhux hu, fejn hu qabad jidghi u qalilha li '*dik ommok tindahal, iddefset fin-nofs u foxx kemm ghandha.*' Is-Sinjura stqarret li bejn l- 24 ta' Lulju ta' din is-sena u s- 27 Stefan kien raqad hdejn *Omissis* l-isptar fejn dan mhux suppost ghamel dan minhabba l-*protection order. Omissis* stqarret li Stefan kien inzamm arrestat xi xhur ilu ghaliex kien sawwat lil *Omissis*. Li qabel gew biex jaghtu x-xhieda taghhom *Omissis* u *Omissis* kien hemm l-avukat ta' Stefan, certu Dr. Mario li ghamel pressjoni fuqhom sabiex jiffirmaw dikjarazzjoni u cioe' li ghamel pressjoni fuqhom sabiex ma jixhdux ghaliex Stefan kien ha jmur il-habs. Li *Omissis* stqarret illi dakinhar prezenti Avukat min naha taghha u bintha ma kelliex u tkellem maghhom ukoll inserta l-Avukat ta' Stefan. Prezenti ghal dan ir-rapport kien hemm is-social worker Rebakkah Bajada bil-warrant numru 521. Kienet infurmat lis-Surgent tal-Imsida WPS 63.

Fir-rapport immarkat bhala Dok WPC1 a fol 25 et sequitur tnizzel li fis-27 ta' Lulju 2020 gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, il-Qawra rraportat Taleb Ali, *Omissis* li hemm protection order li tipprotegi lil bintha Camilleri, *Omissis* illi certu Stefan Muscat ma jistax jersaq lejn *Omissis*. Li s-Sinjura Taleb Ali, *Omissis* stqarret li nhar il-24 ta' Lulju 2020 ghal habta ta' 20:00hrs-21:00hrs binta *Omissis* kienet qieghda l-isptar lesta biex twelled fejn x'hin waslet *Omissis* sabet lil Stefan ma genb *Omissis* fejn il-midwife staqsieta min ha joqghod fejn *Omissis* waqt li twelled, jekk hux Stefan jew *Omissis* fejn stqarret li dahlet ma bintha. Waqt li kienet gewwa l-kamra ma bintha *Omissis*, *Omissis* cemplet lil Stefan biex tghidlu illi *Omissis* kienet iffirmat li hi u mhux hu

kienet se toqghod maghha waqt li twelled fejn semghet lil Stefan *jghid 'dik ommok tindahal, defset fin-nofs, foxx kemm ghandha'*. Taleb Ali, *Omissis* stqarret li Stefan minn nhar il-24 ta' Lulju 2020 sa nhar is-27 ta' Lulju 2020 kien raqad ma' *Omissis* l-isptar fejn dan mhux suppost ghamel dan minhabba l-protection order. Is-Sinjura Taleb Ali, *Omissis* stqarret li meta Stefan kien inzamm arrestat xhur ilu, dan ghaliex Stefan kien sawwat lil *Omissis*, qabel ma waslu sabiex jaghtu x-xhieda taghhom *Omissis* u *Omissis*, kien hemm l-Avukat ta' Stefan certu Dr. Mario fejn dan ghamel pressure fuqhom sabiex jiffirmaw dikjarazzjoni li huma ma riedux li jaghtu x-xhieda taghhom. Is-Sinjura Taleb Ali, *Omissis* stqarret li Dr Mario ghamel pressjoni fuqhom sabiex jiffirmaw dikjarazzjoni li huma ma riedux li jaghtu x-xhieda taghhom. Is-Sinjura Taleb Ali, *Omissis* stqarret li Dr. Mario infurmaha li jekk ma tiffirmax, Stefan jehel il-habs. Li ma kelliex avukat prezenti minn naha taghha u ta' bintha u bil-mod kif giet avvicinata mill-istess avukat ghalkemm l-avukat qalilha biex Stefan ma jmurx il-habs u hi tixtieq li Stefan jiehu dak kollu li haqqu skont il-ligi, hasset li ma kienx hemm mod iehor x'taghmel, bezghet u ffirmat l-imsemmija dikjarazzjoni li pprezentalha l-istess avukat minghajr ma qratha u dan minhabba l-fatt li hi ma tafx taqra. Id-dikjarazzjoni giet moghtija lil Pulizija fil-prezenza ta' Social Worker Rebecca Bajada warrant numru 521.

Dan ir-rapport jinsab ukoll immarkat bhala Dok. A a fol 9 tal-atti processwali.

In vista tax-xhieda ta' WPC337, gie verbalizzat li *'Dr. Mario Mifsud iddikjara illi lill-minuri Omissis huwa jafha tramite it-tifel tieghu li dak iz-zmien kien minorenni, Matthew Mifsud, u dan minhabba illi kemm it-tifel tieghu kif ukoll Omissis u l-imputat Stefan Muscat jattendu il-Kazin Santa Marija. Jiem lura ghal Santa Marija tas-sena li ghaddiet huwa kien tkellem ma' Omissis ghaliex kienet tkun mat-tifel tieghu u ghalhekk hemm certu element ta' hbiberija. Bhala missier u mhux bhala avukat huwa kien avzahha li hi ghadha zghirau li ma tridx taghmilha ma' min hu ikbar minnha. Illi wara xi zmien huwa sar naf li l-istess Omissis kien ser ikollha tarbija. Illi wara li Stefan gie arrestat kienet Omissis stess li cemplet lill-istess avukat u imbghad wara kellem lill-imputat. Illi gurnata qabel kellhom jidhru l-Qorti, Omissis bdiet tinsisti mal-avukat u ssaqsih 'l ghala kienu ha jzommu gewwa. L-avukat qalilha illi biex Stefan johrog hi riedet tghid il-verita' kollha umbaghad jkun hemm il-process.'*

**Rebekkah Bajada,** social worker fis-servizz tal-komunita' fil-Qawra xehdet fl-istess seduta. Spjegat li ila ssegwi lil *Omissis* minn Settembru 2018 fejn kienet giet riferuta mis-servizz harsien tat-tfal. *Omissis* kienet mghejuna l-iktar fuq il-problemi finanzjarji taghha u b'mod generali. Fis- 27 ta' Frar 2020 saret taf bil-problemi tar-relazzjoni ta' *Omissis* u Stefan fejn imbghad fl- 4 ta' Marzu 2020 kien sar referral mac-child protection service. Fit- 8 ta' Gunju gew infurmati li *Omissis* tkellmet ma' tal-polyclinic dwar l-abbuz, gew infurmati mis-social worker, Daniela Pulo li tahdem Mater dei. Xehdet li fir-residenza ta' *Omissis* fit- 3 ta' Lulju 2020 gie nnutat li ma kien hemm xejn lest ghat-tarbija bhala cot, pram, eccetra. li skont *Omissis* l-affarijiet kienu fl-appartament ta' Stefan gewwa l-Qawra. Waqt il-vista *Omissis* infurmata li *Omissis* qieghda tkun f'kuntatt regolari ma' Stefan, minkejja li hemm il-protection order u li omm Stefan qieghda f'kuntatt ma' *Omissis* fejn qaltilha li omm Stefan iggennina lil *Omissis*. Pruvaw jitkellmu ma' *Omissis* diversi drabi waqt din il-vista izda baqghet siekta u ftit li xejn tkelmet. Fl- 10 ta' Lulju rcieviet telefonata minghand sid il-kera tal-appartament li tirrisjedi fih *Omissis* fejn infurmaha li tlett (3) gimghat qabel wassal lil *Omissis* sabiex tirregistra ittra u Jean it-tifel il-kbir ta' *Omissis* cempel lil ommu fejn talabha tmur malajr id-dar ghax Stefan kien qieghed isawwat lil *Omissis* u li qafilha fil-kamra. *Omissis* spjegat li mhux il-posta kienu izda marret thallas citazzjoni peress li *Omissis* ma kinitx qieghda tattendi skola. Reghet hegget lil *Omissis* sabiex tirraporta dawn l-incident. Fis-16 ta' Lulju 2020 waqt il-laqgha flimkien mal-professjonisti involuti gewwa l-ufficini ghas-servizz tal-harsien tat-tfal, gie nnutat ukoll li *Omissis* baqghet siekta u ftit li xejn tkelmet. Infurmaw lil *Omissis* li Stefan qal li l-ewwel tlett (3) gimghat kienu ser joqghodu ma' ommu u *Omissis* dehret mahsuda u qalet li ma tkellimx maghha dwar dan il-pjan. Nhar il- 21 ta' Lulju waqt vista fl-ufficju ma' *Omissis* u *Omissis*, *Omissis* kienet emozjonata mmens u hi kellmithom fuq il-fatt li Stefan ma jridiex tara t-tarbija. Qaltilha li *Omissis* ma jkolliex vuci fuq dawn l-affarijiet. Qalet li ma kinitx qieghda torqod ghandha.

Xehdet li fis- 27 ta' Lulju, irceviet telefonata filghodu kmieni fejn *Omissis* infurmata li *Omissis* kellha t-tarbija nhar il-Gimgha li ghadda u fejn *Omissis* kienet inkwetata dwar li Stefan kien verbalment aggressiv fil-konfront ta' *Omissis* waqt li bdiet il-process tal-hlas. *Omissis* infurmata li dan kien sehh peress li hija ma taghtux il-kunsens li jattendi ghal hlas tat-tarbija. *Omissis* infurmata li Stefan raqad fejn *Omissis*

gewwa l-isptar fit-tlett (3) ijiem li kienet qieghda l-Isptar u x-xhud tkelmet ma' *Omissis* u qablu li jirrikorru ghall-ghajnuna tal-Pulizija. Li meta kienu l-Ghassa tal-Qawra, *Omissis* infurmata li meta telghu l-Qorti l-ewwel darba, *Omissis* u *Omissis* kienu ffirmaw dikjarazzjoni biex ma jixhdux li kienu gew avvicinati mill-Avukat ta' Stefan fejn prezentalhom dokument u qalilhom li jekk ma jiffirmawhx Stefan jehel il-habs. Xehdet li *Omissis* ghandha diffikulta fil-qari u li ma kinitx taf x'inhi tiffirma u hassitha darha mal-hati. Xehdet li l-avukat ta' *Omissis* u ta' *Omissis* huwa tal-istess azjenda tal-avukat ta' Stefan. *Omissis* kienet imhegga tfittex l-ghajnuna tal-Avukat taghha. Fis-27 ta' Lulju sar rapport fuq il-kwistjoni tad-dikjarazzjoni, u ksur tal-protection order u tal-mod kif Stefan kellem lil *Omissis* dwar *Omissis* waqt li bdiet il-process tal-hlas. Xehdet li *Omissis* kienet tibza li Stefan jirritalja. *Omissis* kienet talbet l-ghajuna taghha biex Stefan jitlaq mill-appartament u qaltilha li *Omissis* qieghda titloba biex Stefan jitlaq u li *Omissis* tibza titilqu ghax isibha barra u jaghtiha xebgha. Hija tat spjegazzjoni dwar kemm *Omissis* kien ilha tigi segwita mis-servizz taghhom u li jghinuha b'mod finanzjarju biex timmanigja l-flus. Li lil *Omissis* dejjem fil-prezenza ta' *Omissis* jew professjonisti ohra kelmitha, mhux wahedha. In-notamenti taghha gew prezentati bhala Dok RB1 a fol 36.

**Anthony Bonnici** xehed fis-seduta tad- 29 ta' Lulju 2020 ghan-nom tas-socjeta' GO plc. Li gew mitlubin fir-rigward ta' imsi partikolari li jispicca 5018965967 li huwa pperjat mal-mobile number 79055397 u gew mitlubin biex jaghtu l-localisation ta' dak il-mobile number ghad-dati li jkopru bejn l- 24 ta' Lulju u s-27 ta' Lulju 2020. Liema localisation qieghed jipprezenta fil-profile li prezenta. Huwa prezenta ukoll komunikazzjonijiet bejn in-numru 79055397 u 79300515. Spjega kif il-localisation hija dejjem prediction izda mill-esperjenzza ma jkunux il-boghod hafna. Spjega li gie mitlub informazzjoni dwar in-numru 79300515 biex jaghtu l-call u SMS profile ta' dan il-mobile number li semma. Xehed li hu wkoll unregistered ghall-istess perjodu erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju u s-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) fejn u call u SMS profiles kif ukoll localisattions. Unregistered jigifieri l-linja hija pre-paid mhux bil-kuntratt. Id-dokumentazzjoni kollha prezentata minn dan ix-xhud tinsab a fol 42 et sequitur.

**Martha Cutajar Penza** xehdet fl-istess seduta fejn spjegat li hija haddiema socjali ic-child protection. Dwar is- 27 ta' Lulju spjegat li rceviet informazzjoni bl-email minghand Jacqueline Zammit li marret izzur lil *Omissis* l-ward, weldet il-Gimgha f'nofs il-lejl u ghaxra u taghthom informazzjoni li rat lil Stefan hdejn *Omissis* u kelmithom. Il-kaz dahal ghandhom fis- 27 ta' Frar ta' din is-sena u bdiet tahdem fuq il-kaz minn April, iltaqghu ma' *Omissis* u zaru d-dar taghha fejn kienet qed tghix ma' *Omissis*. Kien hemm allegazzjoni ta' abbuz minghand Stefan fuq il-minuri *Omissis*. Mill-gynae ward ircevew informazzjoni mis-Social Worker Daniela Pulo, ircevew email li rcieviet informazzjoni minghand Abigail Bezzina li *Omissis* tkellmet man-nurses u ammettiet li *Omissis* qed tigi abbuzata minn Stefan Muscat verbalment u fizikament. Tkelmu ma' *Omissis* bit-telefon u stqarret li *Omissis* bhalissa qieghda fil-prezenza ta' Stefan. Spjegat li giet infurmata li *Omissis* kelmet lil omm Stefan fuq il-mobile biex tghaddi ghaliha u haditha maghha r-residenza u l-Pulizija ghajtu lil Rosaline Muscat gol-ghassa u giet gwidata li l-minuri tirrisjedi ma *Omissis* u b'hekk hadita lura gor-residenza. Fit-22 ta' Lulju ircevew informazzjoni minn Daniela Pulo, social worker ta' Mater Dei fejn qaltilhom li Abigail Bezzina regghet kellha kuntatt ma *Omissis* fejn ammettiet li qed tkun fil-kuntatt ma' Stefan via messenger fuq Facebook. Daniela regghet kelmet lil *Omissis* u *Omissis* ammettiet maghha wkoll li kien hemm dan il-kuntatt bejniethom fuq messenger. Fit-23 ta' Lulju ix-xhud cemplet lil *Omissis* u qaltilha Li *Omissis* kienet fil-prezenza ta' Stefan. Ma kinitx qieghda d-dar maghha u qaltilha wkoll li *Omissis* stqarret ma' ommha mas-Sinjura *Omissis* li Stefan ghandu l-pjan li jsib lil xi hadd biex izewwighom. Qalet li t-tifla bilkemm qed tkun id-dar. Spjegat li fit- 3 ta' Lulju ghamlu home visit fejn id-dar ma kellha xejn preparat ghat-tarbija. Fit- 8 ta' Lulju iltaqghu ma Stefan Muscat u ammetta dwar id-diffikulta biex jikkontrolla r-rabja tieghu. Kellu anke terapija minghand l-Appogg dejjem kif qal hu u qalilhom b'diversi incidenti bejnu u bejn *Omissis*. Fl-erbatax (14) ta' Lulju ghamlu home visit ma' Stefan fir-residenza li qed jikri hu fejn kienu jirrisjedu qabel il-protection order u urihom l-affarijiet tal-baby. Kien car li l-pjan taghhom hu li joqghodu hemmhekk. Fis-sittax (16) ta' Lulju ghamlu konferenza ma' *Omissis* fejn kienet prezenti *Omissis* u ommha u *Omissis* uriet biza kbira minn omm Stefan, qalet li tikkontrollalhom hajjithom. Fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju weldet u fil-25 ta' Lulju ircevew informazzjoni minghand Jacqueline Zammit service area leader tas-social work unit ta' Mater Dei u qaltilhom li hi marret izzur lil *Omissis* u maghha kien

hemm prezenti Stefan. Fit- 28 ta' Lulju huma bhala child protection ghamlu home visit ma' Roseline Muscat omm Stefan u stqarret li Stefan jasal ikun verbalment aggressiv u li gieli refa idejh fuq ommu. Ammettiet li Stefan qatta l-hin ma *Omissis*, mar izur it-tarbija, staqsewha kienx hemm xi affarijiet tat-tarbija gor-residenza u qalet li le. Li l-pjan kien li titwieled it-tarbija jmorru jghixu flimkien fil-flat li jikri Stefan.

Ix-xhud tkelmet ukoll ma Miriam Borg discharge nurse ta' OBS3 u kkonfermat li Stefan kien prezenti maghha fil-ward u telaq biss bejn is-sebgha u l-ghaxra ta' filghodu bhala parti mir-regoli tal-ward, il-bqija qatta l-gurnata maghha. Fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju ghamlu home visit ma' *Omissis* fejn kienet fl-appartament ta' Stefan. Kien hemm ommha prezenti. Qieghda tiehu hsieb it-tarbija u settled. Ix-xhud gharfet l-imputat fl-awla. Spjegat li *Omissis* hija omm *Omissis*, l-istess persuna u cioe' *Omissis*. Spjegat l-istanzi li ltaqghet ma' *Omissis* u cioe' l-ghassa fejn kien hemm ommha, id-dar taghha fil-prezenza ta' *Omissis* u lbierah. Qatt ma cahdet jew ammettiet li Stefan heddida wara l-kaz. *Omissis* qatt ma qalet li ghandha inkwiet ma' ommha u ma hutha. Xehdet li *Omissis* kienet tibza tmur taghmel rapport mal-Pulizija ghax tibza ghal hajjitha. *Omissis* qatt ma qalet li trid titlaq minghand ommha. Pruvaw jesploraw x'tara tajjeb fir-relazzjoni ma Stefan u x'tara hazin izda ma qaltilhomx.

Ix-xhud regghet ikkonfermat li meta tkellmu ma Stefan fit- 8 ta' Lulju f'office visit ikkonferma li ghandu problema biex jikkontrolla r-rabja u offrewlu servizzi. Staqsewh dwar pjanijiet dwar it-tarbija u qal li qed jaghmlu l-affarijiet fl-appartment, jarma cot u ghandhom l-affarijiet qed jigu preparati. Ikkonfermat li qalilha li dawn l-affarijiet qed jaghmluha flimkien ma' *Omissis*, li kien f'kuntatt ma ommu u skond hu ommu qed titkellem ma' *Omissis*.

Jacqueline Zammit xehdet fid- 29 ta' Lulju 2020 fejn spjegat li ltaqghet ma' *Omissis* fis- 16 ta' Lulju meta kellhom pre-birth case conference. F'dik il-pre-birth conference saru jafu li hemm protection order fir-rigward taghha. Is-Sibt li ghadda kienet qieghda xoghol Mater Dei u gew notifikati mill-OBS 3 li *Omissis* dahlet il-lejl ta' qabel

u kellha baby girl. Nizlet biex tara kif kienet u kif dahlet hdejha kien hemm Stefan hdejha bilqeghda hdejn is-sodda. Spjegat li x'hin rathom flimkien qaltilhom 'tafu li qed tiksru l- protection order imberkin. U Stefan b' rasu baxxuta qalli kellimt lill-avukat. Ghidtlu imma din mhux xi haga li tghid lill-avukat. Hija xi haga li l-Magistrat jrid jiddeciedi. U qaghdu kwieti ma qalu xejn iktar. Imbaghad saqsejthom specifikament il-pjan x'inhu u l- pjan kien li ha tohrog bil- baby u tmur toqghod mieghu fil- flat San Pawl. Imbaghad it- Tnejn kien ghadha ma gietx discharged. Ovvjament is-Sibt infurmajt lic- child protection ghax minhabba qisu li ma kienx hemm direzzjoni cara, l-way forward, ghidt ahjar ninvolvihom. Ovvjament ma kinux qeghdin xoghol ghax is-Sibt ma jahdmux u nfurmajt lill- Manager taghhom bit-telefon cempiltilha. It-Tnejn irrangajt biex ma tigix discharged halli jkollna cans over the weekend biex jekk ikun hemm xi direzzjoni iktar min- naha tac- child protection ikollna bizzejjed cans ghax kienet ha tigi discharged kieku l- Hadd hi.'

It-Tnejn regghet marret tkellimha u kienet wahedha mal-baby u regghet ikkonfermat li l-pjan kien li ha tmur fil-flat ma' Stefan u li midwives li jmorru l-ghada tad-discharge taghhom l-indirzz ta' fejn kienet ha tkun qed tghix ma' Stefan f'San Pawl. Minn naha tac-child protection kelmet lil Manager Anne Marie Ciantar. Hija gharfet lill-imputat fl-awla bhala Stefan Muscat. In kontro-ezami ikkonfermat li ltaqghet maghha meta kienet l-isptar u ghal pre-birth case conference. Fl-ebda hin ma qalet li kienet qed tkun mhedda minn Stefan biex johorgu flimkien biex imorru jrabbu t-tarbija flimkien. Quddiemhom ma tkelmux wisq. Ma ratx rabja izda meta kien hemm *Omissis* waheda ghamlu pjan fil-kaz li jkun hemm mument fejn Stefan taqbizlu x'tista' taghmel hi f'dik ic-cirkostanza. Qalet li jekk Stefan ma taqbizlux ma jkunx hemm bzonn pjan. Minn naha tac-child protection ikkonfermaw li kellu affarijiet bazici tal-baby. Meta semmewla jekk tindunax li se taqbizlu qalet li jibda jonfoh u tinduna li tkun ha titlalu. Dan kien it-Tnejn qabel ma giet discharged mill-Isptar u nfurmathom li kienet ha tmur ghaliha ommha ghax bilfors trid firma ta' ommha peress li minuri. Kien ha tmur omm Stefan ghalihom bil-karozza ghax omm *Omissis* ma ssuqx. It-Tnejn kelmita wahedha, is-Sibt ratu. Il-pjan kien li jmorru jghixu flimkien.

***Omissis*** fl-istess seduta xehdet li ghamlet rapport ghand il-Pulizija fejn spjegat li t-tifla *Omissis* kienet waslet biex tixtri u riedet il-firma taghha, waslet b'tal-linja naqra tard kienu s-sebgha u nofs (7:30) , it-tmienja (8:00) u n-nurse qaltilha li trid tiffirma jekk se toqghod hi jew l-gharus Stefan Muscat maghha. Beda joffendiha u b'ommha li hi mejta. Qalilha 'Foxx kemm ghandek u foxx ommok.' Ghadet maghha u fis-siegha kellha tmur id-dar ghax ghandha tnejn ohra u qaghad hu maghha. Dak kien il-Gimgha stess u baqa maghha ghax hi ma setghetx toqghod maghha u minn dak inhar baqa dejjem icempel lix-xhud, lit-tifla joffendiha 'foxx ommok dejjem trid tindahal fin- nofs.' Fir-rapport qaltilhom li offendiha u qaltilhom x'gara l-isptar. In kontro-ezami cahdet li jkollha argumenti ma' *Omissis*, qatt ma kellha, mindu dahal hu kellha. Qatt ma kellhom xi jghidu b'mod daqsxejn bil-goff. Stefan kisrilha d-dar, kull ma riedet zebgha, kisser kollox u hallih hekk. Mistoqsija x'wassalha biex taghmel rapport qalet li ghax mhux suppost ikollhom kuntatt ma' xulxin, il-hin kollu jcemplu lil xulxin, jiltaqghu. Ikkonfermat li x-xewqa ta' *Omissis* hija li jrabbu familja, tixtieq tghix mieghu bit-tarbija. Hi gharfet lill-imputat fl-awla.

***Omissis*** fl-istess seduta xehdet permezz tal-procedura tal-video conferencing. Qalet li ma tafx li sar rapport. Fis- 27 ta' Lulju kienet id-dar, kienet ghada hierga mill-Isptar. Kienet il-flat ghand l-gharus taghha San Pawl. Joqghodu hi u l-gharus taghha Stefan fil-flat. Weldet il-Gimgha fl-erbgha u ghoxrin (24). Wara li telqet ommha kien hemm Stefan li dam sal-Hadd. Jacky qaltilha li mhux suppost habba l-protection order. Taf li ma jistghux jaraw lil xulxin. Ma qaltilha xejn lil Jacqueline. Stefan baqa hemmhekk. Ma tafx b'xi argument bejn ommha u Stefan. Taf li ommha ma ffirmatx lil Stefan biex jidhol maghha waqt it-twelid. Omm Stefan wassalha l-Isptar. Fis- 27 ta' Lulju meta kienet il-flat gew il-Pulizija isaqsu ghal Stefan. In kontro-ezami ikkonfermat li kuntenta fir-relazzjoni taghha ma' Stefan Muscat. Ghandhom pjan li jghixu flimkien taht l-istess saqaf, jrabbu t-tarbija flimkien. Ikkonfermat li lil Stefan xtaqitu jkun prezenti ghal perjodu li ghamlet l-isptar. Ikkonfermat li Stefan permezz ta' ommu taghta dak kollu li kien hemm bzonn ghat-tarbija, taghta xi affarijiet. Id-dikjarazzjoni li ma ghandhiex interess li tkompli l-proceduri hadd ma gieghla tiffirmaha, ma hassithiex sfurzata. Ikkonfermat li meta ltaqghu d-depot tal-Pulizija qalet li trid tibqa' hemm sakemm johrog Stefan. Targumenta hafna ma ommha, ma tiehux pjacir meta tghid xi haga dwar Stefan jew dwar omm Stefan.

Fis-seduta tad- 29 ta' Lulju 2020 gie vverbalizzat li d-difiza ma kinitx qed tikkontesta l-fatt li l-imputat kien fil-prezenza tal-minuri *Omissis* fiz-zmien indikat fl-akkuzi.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti tqis li ghalkemm ic-cirkostanzi kienu eccezzjonali fejn l-appellant ried iqatta hin mas-siehba tieghu waqt li kienet l-Isptar wara t-twelid tat-tarbija, huwa kien jaf li kien hemm Ordni ta' Protezzjoni li kienet tiprojbih milli javvicina lil minuri *Omissis* u lil *Omissis*. In oltre' jirrizulta ukoll li konsegwenza tal-fatt li l-appellant mar fil-prezenza ta' *Omissis*, huwa kkommetta reat stante li kiser l-Ordni ta' Protezzjoni u ghalhekk kiser ukoll il-kundizzjonijiet tad-digriet ghal helsien mill-arrest. Ghalhekk anke jekk dawn kienu cirkostanzi specjali ma jistax jinghad li ma kellux l-mens rea ta' tali ksur. Kien jaf li dak li ghamel kien projbit u kellu jirrikorri ghal mezzi legali bhall-intavolar ta' rikors biex ikollu awtorizzazzjoni ikun prezenti waqt it-twelid tat-tarbija jew wara t-twelid. Tant hu hekk li anke waqt li kien qieghed ma gemb il-minorenni fl-Isptar Mater Dei Jacqueline Zammit gibditilhom l-attenzjoni li mhux suppost kienu flimkien minhabba l-Ordni ta' Protezzjoni u li l-akkuzat wiegeb li kien kellem lill-Avukat. L-Avukat difensur fit-trattazzjoni orali quddiem l-Ewwel Qorti kif traskritta jispjega li kien ircieva telefonata minghand l-akkuzat fejn qallu li 'wasalna' u staqsieh jistax imur jaraha u li l-Avukat qallu li diment li jmur jara t-tarbija jhoss li ma ghandux problema. Din il-Qorti tqis li mhux biss mar jara t-tarbija izda kien fil-prezenza ta' *Omissis* bejn l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju 2020 u s- 27 ta' Lulju 2020 u ghalhekk oltre' milli kemm mar jara t-tarbija.

Din il-Qorti tqis li ma jistax jinghad li t-twelid tat-tarbija kienet 'skuża raġonevoli' ai termini tal-artikolu 412C(11) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jikser l-Ordni ta' Protezzjoni u minkejja li kienet il-minorenni stess li riedet lill-appellant ikun prezenti, huwa kellu jirrikorri ghal mezzi li taghtih il-ligi u jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex huwa jkun prezenti ghal dan l-avveniment. Il-fatt li t-tarbija twieldet qabel iz-zmien ma jbiddel xejn stante li l-appellant kellu jitlob l-awtorizzazzjoni mhux mal-mument li *Omissis* tkun fil-hlas izda qabel. Fl-appell tieghu senjatament fil-parti dedikata ghal-fatti gie spjegat li 'l-appellant cempel lil avukat tal-fiduċja

tieghu sabiex hu wkoll jigi jara lit-tifla. Illi fuq parir tal-istess avukat talba għall-awtorizzazzjoni sabiex immur jara lill-bintu titwieled kien ser ikun ta' pregudizzju fuq l-każ tiegħu li għadu sub-judice u li l-appellant għandu preżunt innoċenti fih.' Dwar dan, din il-Qorti tqis li jekk talba ghall-awtorizzazzjoni sabiex imur jara lil bintu titwieled jew wara li titwieled kienet se tkun ta' pregudizzju ghal proceduri sub-judice, kemm iktar kien se jkun ta' pregudizzju li jikser l-Ordni ta' Protezzjoni.

L-appellant ghamel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Joseph Bajada'**[3] fejn gie kkunsidrat li:

'M'hemmx dubju li, in segwitu ta' dak li xehdu ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni, mill-filmat fuq il-pendrive ipperzentata mix-xhud Marie Lourdes Borg, liema kontenut ma giex kontestat mid-difiza, kif ukoll kif jrrizulta mit-trattazzjoni tad- difiza innifisha, huwa fatt mhux kontestat illi l-akkuzat kien effettivament jinsab fl- inhawi ta' Ghajn Lukin, fil-limiti tax-Xaghra nhar it-03 ta Lulju, 2020 bejn id-09:30 u l- 10:00 ta filghodu.

Jirrizulta wkoll pero illi huwa ma kienx wahdu izda akkumpanjat mill-avukat ta fiducja tieghu. Waqt it-trattazzjoni id-difiza spejgat ir-raguni ghaliex l-avukat difensur u l- akkuzat marru fuq il-post. Infatti l-avukat inniffsu b'responsabbilita stqarr illi kienu hemm sabiex jippreparaw id-difiza ghal kawza ohra illi hemm pendenti u li hija ta' natura Civili, u li kien jenhtieglu jaccedi fuq il-post sabiex jkun f'pozizzjoni ahjar sabiex jiggwida lill-klijent tieghu.

Huwa minnu wkoll illi l-akkuzat kien imissu talab lill-Qorti illi akkordatlu il-helsien mill-arrest sabiex tawtorizzah jaccedi fuq il-post u mhux jaqbad u jmur. Madankollu din il-Qorti hija tal-fehma illi l-fatt li l-akkuzat kien akkumpanjat ill-avukat tal-fiducja tieghu allura l-istess akkuzat ma kellux l-intenzjoni illi jisfida lill-Qorti u jikser il- kundizzjoni minnha imposta. Mill-fatti kif jirrizultaw jidher car illi l-intenzjoni ta' l- akkuzat kienet illi jindika lill-avukat il-fatti li skond hu huma mportanti ghall-kawza civili illi ghandu pendenti. Infatti huwa fatt mhux kontestat li

[3] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-5 ta' Lulju, 2020

l-akkuzat u l-avukat difensur marru fuq il-post wara li kienu l-Qorti u inghatat sentenza fil-kawza civili.

Il-Qorti ghalhekk fid-dawl anke tax-xhieda moghtija minn PS 664, Jason Scerri u PC510 William Said li l-imputat ikkopera bis-shih mall-pulizija kif ukoll sal-llum ma kisirx il- kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposta fuqu qed twissi lill-akkuzat illi ghalkemm din id-darba ma hix ser issibu hati ta' ksur ta kundizzjoni ghal helsien mill-arrest u dan ghar-ragunijiet gia moghtija darb'ohra ghandu jitlob lill-Qorti ghal modifika tal- kundizzjonijiet jew sabiex jigi awtorizzat jagixxi fil-qafas tal-helsien mill-arrest kif imsemmi.'

Ghalhekk f'dak il-kaz, l-akkuzat kien assistit mill-Avukat tieghu meta mar fil-lokalita' li kien projbit milli jersaq u dan sabiex jiprepara ghad-difiza tieghu f'kawza ohra. Fil-kaz odjern, jirrizulta li minkejja li l-akkuzat kien projbit milli jersaq lejn *Omissis*, huwa qatta l-maggorparti tal-jiem li hija ghamlet l-isptar maghha meta kien jaf li ma setghax jaghmel dan. Ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta li ssib htija tat-tieni (2) imputazzjoni rigwardanti li minghajr skuza ragonevoli kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu b'ordni u dan skont l-artikolu 412C(11) tal-Kapitolu 9. Bil-konsegwenza ta' dan huwa sar hati tal-ewwel (1) imputazzjoni u cioe' li naqas milli jhares xi wahda jew aktar mill-kondizzjonijiet imposti fuqu meta nghata l-helsien mill-arrest u dan principarjament ghax ikommetta reat volontarju meta kiser l-Ordni ta' Protezzjoni. L-ewwel (1) aggravju qieghed ghalhekk jigi michud.

Ikkunsidrat;

L-appellant fit-tieni (2) aggravju jissottometti li normalment reati simili jitressqu taht l-artikolu 579 et sequitur tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex b'hekk il-Qorti kif tkun preseduta ma jkolliex idejha marbutin u tkun tista' timponi hi piena kif jidhrilha ekwa u opportuna fic-cirkostanzi. Jissottometti li l-Qorti ma ndikatx l-artikolu tal-ligi li tahtu kienet qed tintavola l-akkuza tal-ksur tal-kundizzjonijiet tad-digriet tal-helsien mill-arrest madankollu l-Qorti hasset li d-dicitura tal-akkuza u t-talbiet tal-prosekuzzjoni indikaw li l-appellant tressaq taht l-Artikolu 579(2) marbut ma' Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-Ewwel Qorti

kienet kostretta, jew tilliberah minn kull piena u htija jew altrimenti f'kaz ta' htija tikkundanna lill-appellant jew ghal multa jew ghal prigunerija, jew ghal multa u ghal prigunerija flimkien filwaqt li rrevokat contrario imperio id-digriet tal-helsien mill-arrest in kwistjoni, tordna l-konfiska favur l-Gvern ta' Malta l-ammont globali ta' 6,000 ewro u tordna l-arrest mill-gdid tal-appellant. Ghalhekk qies li meta wiehed jiehu kont tac-cirkostanzi partikolari hafna ta' dan il-kaz u riperkussjonijiet ta' din s-sentenzi, l-piena hija harxa u ingusta.

L-appellant jirreferi ghad-digriet fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Fredrick Dalli'**[4] fejn il-Qorti qieset li:

'*Semghet ix-xhieda ta` Natasha Bugeja u Spettur Eman Hayman fis-sens li bejn Bugeja u Dalli kien hemm relazzjoni u li Bugeja stess talbet biex l-ordni tal-protezzjoni mghotija lilha tigi mnehhija.*

*Il-Qorti tinnota pero li d-digriet tal-helsien mill-arrest baqa` mhux mibdul u ghaldaqstant l-intimat Dalli kien u ghadu u sakemm dan id-digriet jibqa` fis-sehh Dalli jibqa` obligat li ma jersaqx lejn Birgu, Bormal u Isla.*

*Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 579 (1) tal-Kodici Kriminali issib lil Frederick Dalli li kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest izda fil-kuntest tal-provi mressqa quddiemha tqis li dan il-ksur jaf fih proviso tal-istess artikolu fis-sens li l-ksur ta` din il-kundizzjoni f'dan il-kaz ma kienetx ta` konsegwenza serja.*

*Ghaldaqstant ghal din id-darba l-Qorti mhux qeghda tapplika s-sansjoni msemmija fl-artikolu 579 (1) tal-Kodici Kriminali.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Tony Armando Zahra'**[5] gie meqjus li:

'Imbaghad, kuntrarjament ghal dak li jghid l-appellant, mhuwiex id-dritt ghall-helsien li l-**artikolu 579(2)** qieghed jaghmel reat, izda huwa n-nuqqas ta' osservanza

---

[4] Digriet moghti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Gunju, 2020
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Frar, 2007 (Appell Kriminali Numru: 353/2006)

ta' xi kondizzjoni jew kondizzjonijiet imposti fid-digriet li permezz tieghu dik il-persuna tkun inghatat il-helsien mill- arrest. Una volta jinghataw dawk il-kundizzjonijiet, kemm-il darba l-persuna koncernata taccettahom, trid tosservahom fl-intier taghhom minghajr pregudizzju ghad- dritt taghha li titlob, kif ta' spiss isir, biex ikun hemm xi tibdil fihom. F'dan il-kaz jirrizulta li l-kondizzjonijiet kollha mposti fid-digriet tat-3 ta' Mejju 2006 gew accettati mill- appellant li sahansitra ffirma ghall-obbligu tieghu li joqghod ghall-kondizzjonijiet hemm indikati. Inoltre mill-atti ghad-disposizzjoni ta' din il-Qorti ma jirrizultax illi huwa qatt talab li jigu b'xi mod modifikati.'

**L-artikolu 579 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'(1) Jekk l-imputat jew akkużat jonqos li jidher għall-ordni tal-awtorità msemmiia fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos li josserva xi kondizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest, jew jinħeba jew jitlaq minn Malta, jew waqt li jkun meħlus mill-arrest jikkommetti delitt li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja, jew jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'mod ieħor jintralċja jew jipprova jintralċja il-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew ta' xipersuna oħra, is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta, u, barra minn dan, jiġi maħruġ mandat ta' arrest kontra tiegħu:
Iżda din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jingħata l-ħelsien mill-arrest ma hiex ta' konsegwenza serja.
(2) Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta'erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.
(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' xi liġi, kull persuna akkużata b'reat kif imsemmi fis-subartikolu (2) għandha tiġi mressqa l-Qorti taħt arrest, u l-Pulizija tkun tista', fl-istess proċedimenti, titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna. Il-proċedimenti għal reat taħt is-subartikolu għandhom jittieħdu mill-Pulizija u jiġu deċiżi mill-Qorti bl-urġenza.

(4) Il-Pulizija tista' tidħol f'kull fond sabiex tiżgura li l-kondizzjonijiet imposti mill-qorti kif ingħad fis-subartikolu (1) ikunu qegħdin jiġu mħarsa. Il-Pulizija tista' wkoll tarresta mingħajr mandat kull persuna suspettata b'reat taħt is-subartikolu (2).'

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Kurt Zahra) vs Etienne Bartolo[6]</u>**, detentur tal-Karta tal-Identita' numru 350780M' gie kkunsidrat li:

'Finalment fir-rigward tal-akkuzi adebitati lill-imputat il-Qorti ma tistax ma tosservax li galadarba l-prosekuzzjoni taghzel li takkuza lill-imputat bir-reat ravvizat bl-artikoli 579(2) u (3) tal-Kodici Kriminali, kif emendati bl-Att VIII tal-2015, b'differenza ghall-procedura stabbilita ai termini tal-artikolu 579(1) tal-Kodici, din il-Qorti ma jkun jifdalla ebda diskrezzjoni bhal dik prevista bil- proviso ghall-artikolu 579(1) tal-Kodici Kriminali, fejn meta jitqies li l-ksur ta' xi kundizzjoni imposta fid-digriet li bih persuna jingħata l-ħelsien mill-arrest ma hiex ta' konsegwenza serja, il-Qorti ghandha diskrezzjoni lii ma taghmilx ordni sabiex is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta. Tenut kont li meta persuna tigi akkuzata bir-reat ravvizat bl-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali, l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill- arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta tassativament, jibqa' obbligu inkombenti fuq il-prosekuzzjoni li tgharaf tiddistingwi kaz minn iehor.'

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata qieset li 'Illi l-Prosekuzzjoni ma' ndikatx l-artikolu tal-ligi li tahtu kienet qed tintavola l-akkuza tal-ksur tal-kundizzjonijiet tad-digriet tal-helsien mill-arrest. Madankollu d-dicitura tal-akkuza u speċjalment il-fatt li l-Prosekuzzjoni ghamlet talba speċifika sabiex f'każ ta' htija din il-Qorti tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest in kwistjoni u tordna l-arrest mill-gdid tal-imputat ma' thalli l-ebda dubbju illi l-Prosekuzzjoni qeghda tinvoka l-Artiklu 579(2) u (3) tal-Kap. 9 u mhux l-Artikolu 579(1). Dan ghaliex huwa biss taht l-Artikolu 579(3) - li huwa marbut mal-Artikolu 579(2) - illi l-Prosekuzzjoni tista' "fl-istess proċedimenti, titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna".'

---

[6] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-6 ta' Marzu 2018.

Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward. L-ewwel (1) imputazzjoni taqra 'Naqas milli jhares xi wahda, w/jew aktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Audrey Demicoli. LL.D b'digriet datat 09 ta' Gunju 2020, u li permezz tieghu l-istess Stefan Muscat nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet.'

Ic-citazzjoni ma tindikax l-artikolu tal-ligi li tahtu l-akkuzat qieghed jigi akkuzat izda l-Prosekuzzjoni fl-istess citazzjoni taghmel is-segwenti talba:

'Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 09 ta' Gunju 2020 u tordna l-arrest mill-gdid ta' Stefan Muscat.'

Il-Qorti ghalhekk qieset li la darba din it-talba tirrifletti dak li jipprovdi is-subartikolu (3) tal-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dan is-subartikolu huwa marbut mas-subartikolu (2) tal-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk il-konfiska tal-ammont stabbilit fid-digriet ghal helsien mill-arrest taht garanzija favur il-Gvern ta' Malta hija tassattiva.

Din il-Qorti tqis li idejn il-Qorti kienu marbuta fil-konfiska tal-ammont depozitat kif ukoll il-garanzija mertu tad-digriet ghal helsien mill-arrest. Il-Qorti kienet klementi fil-piena f'dak li jirrigwarda l-ksur tal-Ordni ta' Protezzjoni taht l-artikolu 412C(11) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn applikat l-artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll f'dak li jirrigwarda l-impozizzjoni ta' multa jew prigunerija taht l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn ikkundannat lill-appellant ghal multa ta' erbghin ewro (€40).

Ghaldaqstant, it-tieni (2) aggravju qieghed jigi michud.

Ikkunsidrat;

Illi fit-tielet (3) aggravju l-appellant jissottometti li l-iskop primarju u principali tal-bail huwa essenzjalment wiehed, li l-persuna tidher ghal kull att tal-procediment. Li sal-mument tas-sentenza huwa ghadu prezunt innocenti minkejja l-akkuzi illi jkunu saru kontra tieghu. Il-garanzija li trid tinghata u anke l-kundizzjonijiet huwa biex proceduralment ma jkunx hemm hsara ghall-process kriminali li jkun gust pero' fl-istess waqt, ma jipprivax il-persuna preventivament mill-liberta' tieghu. Jissottometti li l-ksur li huwa wettaq ma huwiex wiehed ta' natura serja stante li ma huwiex konness ma raguni primarja li jinghata l-kundizzjonijiet ghal helsien mill-arrest izda l-ksur huwa ta' kundizzjoni ancillari ghal helsien mill-arrest.

L-appellant jirreferi ghal gurisprudenza u jissottometti li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, l-appellant jirrileva li minkejja li l-piena li nghatat tidhol taqa' b'mod gust u kwadru fil-parametri legali, li l-Qorti tal-Magistrati ma ddecidietx bizzejjed fl-analizi tan-natura tal-ksur imwettaq minnu u ghalhekk fic-cirkostanzi tieghu fil-kaz specifiku. Jissottometti li l-Qorti ghandha tqis in-natura tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest u s-serjeta' oggettiva taghhom. Ghalhekk l-appellant jemfasizza li l-ksur li wettaq, filwaqt li jibqa' ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, ma jistax jitqies li jifforma parti mill-kundizzjonijiet ewlenin tal-helsien mill-arrest. Jaghmel referenza ghal piena li imponiet l-Ewwel Qorti u jissottometti li sforz il-qaghda finanzjajra tieghu zghazugh ta' dsatax-il sena li ghadu kemm jibda jahdem, is-sentenza minkejja li ma fijiex l-impozizzjoni ta' piena ta' habs effettiva fir-realita' habs ser tkun tfisser ghall-appellant.

Din il-Qorti tqis li huwa minnu li l-appellant ma giex akkuzat li kiser kundizzjonijiet principali moghtija fid-digriet ghal helsien mill-arrest bhal li jirraporta l-Ghassa jew ma dehrx quddiem il-Qorti, izda gialadarba li huwa kiser l-ordni ta' protezzjoni ifisser li kkommetta reat volontarju. Il-ligi taht l-artikolu 579(2) u 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma taghmilx distinzjoni bejn kundizzjonijiet u ohra ai fini ta' piena.

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Hubert Cini) Vs Christian Bonello'</u>** [7] gie meqjus:

*'Illi huwa minnu illi f'dan il-kaz l-ammont tal-garanzija ta' €10,200 huwa wiehed ferm oneruz, sabiex b'hekk il-piena inflitta fuq l-appellant teccedi bil- kbir l-ghoxrin xahar prigunerija imposta fuqu. Illi l-Qorti Ewropeja ghad- Drittijiet tal-Bniedem kellha okkazzjoni tesprimi l-fehma taghha dwar din id- disposizzjoni tal-ligi u dan sahanitra qabel l-introduzzjoni tal-emenda li permezz taghha mhux biss il-legsilatur ma giex in konformita' ma' din il- fehma anzi ghamel bil-maqlub tad-direzzjoni moghtija mill-Qorti Ewropeja. Illi fil-kaz Gatt vs Malta deciza fis-27 ta' Ottubru 2010 (applikazzjoni numru 28221/08) gie deciz hekk:*

*"The Court observes that Maltese law, in respect of the circumstances in which a bail bond will be forfeited to the Government as a result of a failure to observe bail conditions (Article 579 of the CC), makes no distinction between conditions related to the primary purpose of bail, namely appearance at the trial, and conditions related to other considerations.*

*However, it gave the authorities discretion not to apply the said provision if the breach of conditions was not of a serious nature.*

*In the present case, where the condition breached referred to a curfew and was not connected to the primary purpose of granting bail, the Court has difficulty in understanding the authorities' decision to apply the relevant Article. In this light, the Court finds it relevant to point out that in the absence of proper guidelines as to the exercise of discretion under Article 579, or of a distinction between breaches of conditions relating to the primary purpose of bail and other considerations, Maltese law is deficient in that it can lead to arbitrary and disproportionate results."*

Illi dan il-hsieb tal-Qorti Ewropeja gie imbaghad applikat fil-kawza **<u>John Grima vs Avukat Generali</u>** deciza fis-16 ta' Marzu 2011 mill-Qorti Kostituzzjonali fejn inghad:

***".. meta jigi ppruvat li l-imputat jew l-akkuzat kiser xi wahda jew aktar mill-obbligazzjonijiet imposti fuqu, ghandu jkun ghall-Qorti tiddeciedi, skont il-gravita` tal-kaz, ghandhiex tordna li s-somma kollha jew parti (kif hi tistabilixxi) tghaddi favur il-Gvern ta' Malta. B'dan il-mod, il-Qorti tkun tista' tevita li jirrizultaw "elements of shocking disproportionality" li kien il-hsieb wara d- decizjoni tal-***

---

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fit-30 ta' Settembru, 2020 (Appell numru: 66/2019)

***Qorti Ewropeja fil-kaz ta' Lawrence Gatt imsemmi, u dan konformament ma' dak li jrid l-Artikolu 5(1)(b) tal- Konvenzjoni Ewropeja u l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja li trid li ghandu jkun hemm element ta' proporzjonalita` bejn il-privazzjoni tal-liberta` u t-twettiq tal-obbligu preskritt mil-ligi. Kif inhi l-ligi taghna llum la hemm 'ceiling' ta' kemm wiehed jista' jehel prigunerija, u lanqas hemm mod kif tigi assessjata l- proporzjonalita`."***

*Illi, kif inghad, illum bl-emendi li dahhlu fis-sehh permezz ta'l-Att VIII tal- 2015 dina id-distinzjoni madanakollu mhux biss ma saritx mill-legislatur, izda dahhlet "blanket provision" li ma thalli l-ebda diskrezzjoni iktar f'idejn il-Qorti billi l-konfiska tal-garanzija jew depozitu ghandha issir tassattivament dejjem immaterjalment jekk il-ksur ikunx wiehed serju jew de minimis.*

*Illi f'dan il-kaz l-att vjolattiv li wassal ghan-nuqqas ta' osservanza ta' wahda mill-kundizzjonijiet imposta fuq l-appellant ghall-ghoti tal-helsien mill-arrest kien wiehed serju, kif irrimarkat l-Ewwel Qorti fis-sentenza impunjata. Dan ghaliex l-appellant ikkometta reat iehor meta kien marbut fil-kundizzjoni numru 4 tad-digriet tal-Qorti tal-Magistrati tal-31 ta' Lulju 2018 sabiex ma jikkomettiex reat iehor ta' natura volontarja filwaqt li jkun mehlus mill-arrest. Dan maghdud, madanakollu, il-Qorti xortawahda hija tal-fehma illi l- piena kif mahsuba illum ghar-reat li jitkellem dwaru l-artikolu 579(2) tal- Kodici Kriminali huwa ferm oneruz li ma jhalli ebda diskrezzjoni f'idejn il- Qorti tant illi l-appellant jiffaccja zewg pieni ghal kummissjoni tal-istess reat, dak tal-multa u/jew il-prigunerija u wkoll dak tal-konfiska ta' ammont ta' flus li jista' jkun wiehed sostanzjali u li jekk ma jithallasx jigi konvertit f'terminu iehor ta' prigunerija skont il-ligi. Mhux biss izda din il-piena tista' tkun vjolattiva tad-drittijiet fondamentali tal-persuna akkuzata u misjuba hatja bi vjolazzjoni tal-artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzoni Ewopeja dwar id- Drittijiet tal-Bniedem u l-element ta' proprozjonalita' li ghandu jigi mhares bejn l-att vjolattiv u l-piena imposta ghal dik il-vjolazzjoni, fatti li din il-qorti hija prekluza milli tindirizza billi tezorbita l-kompetenza taghha, kompetenza li hija mhollija unikament f'idejn il-qrati kostituzzjonali.'*

Illi kif inghad l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata f'dak li jirrigwarda il-ksur tal-Ordni ta' Protezzjoni applikat l-artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tant li mmultatu biss erbghin ewro (€40) u ghalhekk ferm anqas minn dak stabbilit fl-artikolu 412C(11) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-ammont ta' multa kien

ghalhekk jinkludi l-multa u jew prigunerija jew it-tnejn kif jimponi l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ordnat ir-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid tal-imputat fuq talba tal-prosekuzzjoni. Il-konfiska tal-ammont stabbilit fid-digriet tal-helsien mill-arrest taht garanzija kienet tassattiva u ghalhekk idejn il-Qorti kienu marbuta.

Din il-Qorti taqbel li tali piena u cioe' l-konfiska tal-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija hija onoruza izda tqis li din il-Qorti marbuta li timxi ma dak li tiprovdi l-ligi u ghalhekk din il-Qorti mhijiex il-forum fejn ghanda tigi attakkata l-ligi u l-proporzjonalita tal-pieni izda jezistu rimedji ohra u cioe' rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali). Ghalhekk din il-Qorti tqis li ma ghandhiex triq ohra ghajr li tikkonferma d-decizjoni tal-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Din il-Qorti tordna d-divjet fuq isem il-minorenni *Omissis* xi kultant fl-atti processwali indikata bhala *Omissis* jew *Omissis* u ommha, *Omissis* xi kultant fl-atti processwali indikata bhala *Omissis* jew *Omissis* u *Omissis* u ghalhekk dawn l-ismijiet ma ghandhomx jigu pubblikati f'mezzi ta' kommunikazzjoni.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur